MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 516/2002

**Avviz numru 516/02DM**

**Melita Cable plc**

**Vs**

**Penza Construction Co Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta, sabiex thallas is-somma ta' tlett elef tmien mija u tlieta u tletin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm3,833.50) jew somma ohra verjuri li tillikwida dina l-Qorti rappresentanti l-ammont dovut ghall-materjal u manodopera nvoluta sabiex tigi riparata l-hsara kkawzata minnhom fuq 'cables' appartenenti lis-socjeta' attrici sitwati fi Triq l-Arznell kantuniera ma' Triq Sant'Andrija, Marsaxlokk f'Dicembru 1998 u dan minhabba li naqsu li jesegwixxu bi prudenza u ghaqal jew

naqsu jivverifikaw x' 'cables' kienu ghaddejjin taht l-art tal-lokalita' fejn kienu qed jesegwixxu x-xogholijiet ta' thaffir.
Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti u ta' l-ittra ufficjali datata 21 ta' Novembru, 2000 u bl-interessi legali mid-data ta' l-ittra ufficjali kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kumpanija konvenutafejn eccipiet illi:
1. L-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' konvenuta ma kkawzat l-ebda hsara fuq il-'cables' appartenenti lis-socjeta' attrici indikati fl-avviz;
2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa f' kull kaz eccessiv;
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Permezz ta' din l-azzjoni l-atturi Melita Cable plc qeghdin jitolbu illi jigu kkompensati ghal danni li huma sofrew meta *cables* proprjeta' taghhom u sitwati fi Triq l-Arznell kantuniera ma' Triq Sant' Andrija, Marsaxlokk kienu gew iddanneggjati mill-kumpanija konvenuta f'Dicembru ta' l-1998, u dan minhabba mprudenza u negligenza da parti tal-kumpanija konvenuta.

Ghaldaqstant jispetta lill-atturi illi jippruvaw fl-ewwel lok illi effettivament kienet grat hsara fil-*cables* proprjeta' taghhom u jindikaw in-nefqa nvoluta fir-riparazzjoni ta' l-istess u fit-tieni lok illi din il-hsara kienet giet ikkawzata mill-konvenuti u li l-konvenuti kkawzaw din il-hsara ghaliex kienu mprudenti jew negligenti jew m'ghamlux ix-xogholijiet li kienu qed jaghmlu skond l-arti u s-sengha.

Ghal dak li jirrigwarda l-hsarat u n-nefqa relattiva, l-atturi waslu ghall-prova rikjesta minnhom u minn dawn il-provi jirrizulta illi l-atturi sofrew hsara fis-somma totali ta’ elf seba’ mija, sitta u disghin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm1,796.77) sabiex ghamlu r-riparazzjonijiet fil-*cable* kif indikat fid-dokument ‘Z’ a fol. 19 tal-process.

Pero’ ghal dak li jirrigwarda l-provi dwar min effettivament seta’ ikkawza dawn il-hsarat, l-atturi strahu biss fuq il-prezenza ta’ gaffa li kienu sabu xi haddiema taghhom fuq il-post meta ghamlu r-riparazzjonijiet u fuq il-kliem ‘Penza’ li kienu miktubin fuq il-gaffa. Inoltre indikaw ukoll dokument intern taghhom, esibit a fol. 12 tal-process, li fih kienu ndikaw li meta Carmel Penza applika ghat-thaffir ta’ trinek fil-lokalita’ fejn kellhom il-*cables* taghhom dan Carmel Penza kien applika u akkwista l-permess ghal dawn ix-xogholijiet f’isem ‘Penza Construction’.

Oltre dawn il-provi, l-atturi ma pproducew ebda prova tajba u estranea mill-interpretazzjoni taghhom tal-fatti, li tistabilixxi li kient il-kumpanija Penza Construction Company Limited li kienet inkarigata bit-thaffir tat-trinek u li kienu l-haddiema taghha li kkawzaw il-hsara.

Minn naha l-ohra l-kumpanija konvenuta gabet provi sufficjenti sabiex tistabbillixxi illi effettivament ma kellha ebda konnessjoni max-xogholijiet in kwistjoni hlief ghall-fatt illi d-direttur taghha, Carmelo Penza, huwa ukoll direttur tal-kumpanija Penza Tarmac Limited illi effettivament kienet inghatat il-kuntratt tat-thaffir tat-trinek u esegwiet ix-xogholijiet.

Infatti jirrizulta mid-dokument ‘A’, a fol. 28 tal-process, illi t-*tender* ghax-xogholijiet tat-trinek li kienu ghamlu Penza Tarmac Limited kienet giet accettata mill-Kunsill Lokali ta’ Marsaxlokk permezz ta’ ittra tat-12 ta’ Gunju, 1998, u jirrizulta ukoll mid-dokumenti l-ohra prodotti illi kienet ukoll Penza Tarmac Limited illi kienet giet imhallsa mill-istess Kunsill Lokali ghax-xogholijiet kollha esegwiti f’dak il-lokal.

Anke jirrizulta mill-provi tal-konvenuti illi l-istess atturi kienu fl-istess zmenijiet inkarigaw lill-istess kumpanija

Penza Tarmac Limited sabiex taghmel ix-xogholijiet ta' tqeghid ta' *cables* taghhom stess, u ghalhekk jirrizulta ampjament illi l-kumpanija Penza Construction Company Limited giet imharrka hazin, billi ma kellha ebda konnessjoni max-xogholijiet li minnhom qed jilmentaw l-atturi.

Inoltre l-anqas ma jistghu l-atturi jistriehu fuq xi korrispondenza li setghet giet skambjata ma' l-avukati tal-kumpanija Penza Construction Limited, il-konvenuti. Infatti, anke meta din il-kumpanija, rinfaccjata bil-pretensjoni ta' l-atturi, kienet talbet ghad-dettalji dwar din il-pretensjoni, dan kienet ghamlithu espressament u b'mod l-aktar car illi dik l-informazzjonji kienet qed tigi mitluba minghajr ebda pregudizzju ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilita' tal-kumpanija ghal xi danni li setghu sofrew l-atturi.

Ghaldaqstant issib illi t-talba attrici ma tistax tirnexxi fil-konfront tal-kumpanija konvenuta Penza Construction Limited u ghaldaqstant qieghda tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------